MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

24 ta' Marzu 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.17pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Giorgio Schembri li daħal ftit tard.

## 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

24.3.1 *Jum Ħ'Attard*

Is-Sur Cordina qal li fiċ-ċirkustanzi ta' Covid 19 jipproponi li Jum Ħ'Attard jitħassar.

24.3.2 *Talba għall-xiri ta' garbage pickers*

Is-Sur Cordina qal li għandu talba mingħand resident li ħa jibdew iduru ż-żoni publiċi biex inaddfu l-widien u ġonna. Dawn in-nies qed jitolbu li jiġu fornuti b'*garbage pickers* liema apparat, tipo l-istampa li ntwerit ma jiswewx iktar minn Euro 30-il waħda u li min ħa joħodhom ha jiffirma u jidħol responsabbli għalihom. Is-Sur Victor Galea saqsa jekk qattx il-Kunsill kellu ħaddiema mill-ħabs li jiġu jagħmlu x-xogħol fil-komunità. Is-Sur Cordina qal li le l-Kunsill qatt ma kellu imma jekk ningħataw l-opportunità iva jaċċetta u merħba bihom. L-Avukata Caruana saqsiet min huma għax ma fehmietx sewwa. Is-Sur Cordina qal li dawn huma 7 residenti li ħa jipprovdu boroż tal-iskart huma u xtaqu biss din it-tip t'għajnuna. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

24.3.3 *Laqgħa Ġbir ta' Skart*

Is-Sur Cordina qal li ġimgħa ilu kellu laqgħa mad-Direttur Ġenerali u għadda l-preokkupazzjonijiet tiegħu speċjalment fuq servizz ħażin. Emfasiżża li l-flus ħa jinħarġu mill-Kunsill lir-Reġjun jew dirett lill-kuntrattur u li jekk ħa jkun hemm nuqqas ħa jkun hemm il-fakultà li jew jitnaqqsu l-flus jew jitqabbad xi ħadd ieħor minflok a spiza tal-kuntrattur u titnaqqas l-ispiża mill-kuntratt. Qal li r-Reġjun ħa jkun obbligat li jara li s-servizz jitħaddem sewwa permezz ta' persuna intermedjarja. Qal li informazzjoni iktar m'għandux u ha jerġa' jinfurmahom iktar il-quddiem. L-Avukat Brincat ilmenta fuq id-devoluzzjoni tal-Gvern fuq il-ġbir ta' skart u s-Sindku spjegalu kif ha tkun is-sistema imma li l-ilmenti xorta ħa jaqgħu fuq il-Kunsill. Hu qal ukoll li l-isforz kollu li sar biex il-Kunsill ikollu trakkijiet bis-*separator* u dak kollu li sar biex il-ħġieġ jinġabar il-Ħamis flok il-Ġimgħa jista' jintilef għax it-tender se toħroġ mir-Reġjun u jbatu l-konsegwenzi r-residenti. Id-Direttur Ġenerali assigura lis-Sur Cordina li ħa jkun hemm diskussjonijiet madanakollu hu jinsab xettiku minn dan.

24.3.4 ***Attività Kulturali***

Is-Sindku qal li waqt laqgħa tar-Reġjun xi xahrejn ilu lokalità partikolari wriet ix-xewqa li ssir attività u din l-attività tiġi sponsorjata mir-Reġjun. Hu qal li għalkemm ma sabx oġġezzjoni ġaldadarba din issir u r-Reġjun iħallas għandhom jibbenefikaw minnha l-lokalitajiet kollha. Sar ftehim li jkun hemm *capping* ta' €10,000 għal kull lokallita'. Kompla jgħid li s-sitwazzjoni hi dik li hi w'għaldaqstant anke għal fatt li sejrin Reġjun differenti u dawn il-flus jistgħu jintilfu. Għalhekk biex ma jintilfux is-Sur Cordina propona li ssir attivita' bil-bibien magħluqa u tiġi *televised.* Ikun hemm żewġ *cameramen* u din tkun tikkonsisti fil-parteċipazzjoni taż-żewġ każini tal-banda u anke l-Accordian Band f'kunċert. Qal li s'issa ħadd ma tah risposta imma qed jaħseb li d-data tkun bejn is-6 u 7 t'Awwissu u b'hekk il-flus ma jintilfux.

Is-Slur Cordina talab għall-kummenti. Is-Sur Victor Galea saqsa jekk il-każin ta' faċċata tal-knisja għandux banda għax kien mingħalih li kien tal-ħamiem. Is-Sur Cordina qal li l-Każin mhux tal-ħamiem imma tal-banda, mhix il-banda uffiċċjali ta' Ħ'Attard għax il-kurja ma tagħtihomx permess imma l-istess każin għandhom fl-istatut meta jkun hemm għaqdiet oħra li m'għandhomx fejn jiltaqgħu jistgħu jospitaw għaqdiet oħra u iva għandhom il-banda, għandhom is-Surmast u kollox. Għad-domanda tal-Avukat Caruana li saqsiet jekk jistgħux idoqqu f'daqqa is-Sur Cordina qal li iva minħabba li mhux sa jdoqqu waqt il-festa għalkemm skont l-istess Avukat Caruana għadha mhix uffiċċjali li l-festi mhux se jsiru.

Is-Sur John Bonnici qal li jekk issir fis-7 ta' Awwissu aħjar għax is-6 ta' Awwissu hija l-festa tas-Salvatur. L-Avukat Brincat propona li ssir fuq it-taraġ tal-Palazz tal-President. Is-Sur Bartolo qal li jistgħu jiddiskutuha wara 11 ta' April ħa jaraw eżatt x'sa jiftħu u li jingħalaq il-ġnien.

24.3.5 ***Skema fondi lill-Għaqdiet***

Is-Sur Cordina qal li din is-sena dawn jistgħu imorru għand il-Girl Guides, l-Attard Subbuteo Club li kienu talbu għajnuna fil-ħlas ta' kera ta' post u l-Parroċċa li qed torganiżża ċertu attivitajiet għat-tfal waqt il-quddiesa tal-familji u qed tixtri ċerti rigali waqt dawn iż-żminijiet diffiċċli lit-tfal u li jekk jidħlu fuq il-paġna tal-Parroċċa ta' fb ikunu jistgħu jaraw kemm il-Kappillan qed jaħdem fi ħdan il-komunità. Dawn il-flus se jinħarġu mill-iskema tar-Reġjun.

24.3.6 ***Park Ta' Qali***

Is-Sindku qal li hemm *open space* ġewwa Ta' Qali fejn se jsiru *open air activities* u l-biża tiegħu hi in-*noise pollution*. Is-Sindku talab lill-Perit Giorgio Schembri jitkellem dwar dan il-permess. Hu qal li dan is-sit jinsab maġenb il-mużew tal-Avjazzjoni fejn kien hemm il-fabbrika tal-planki u jidher li l-proġett sejjer fid-direzzjoni t-tajba. Pero' qal li dan l-*open air theatre* ha jilqa' madwar 17,500 ruħ u naturalment ha jkun kunsidrat *mass event.* Qal li l-biża tiegħu taqa' fuq tliet aspetti: l-immaniġġjar tat-traffiku, l-istorbju u d-dawl. Hu qal li hu proġett sempliċi b'faċilitajiet anċillari madwar id-dawra bħal tojlits u serviżż ta' ambulanza, 4 arbli twal 25m li ħa jipprovdu lok fejn jitwaħħlu dwal u *sound* u jeħlu madwar 1000 siġra. Hu qal li per eżempju xtaq li jkun hemm iktar siġar għax is-siġar joffru iktar *buffer,* kif ma sarx *traffic impact assessment u* d-dwal li jistgħu jaslu viċin in-nies. Hu qal li c-Cermen tal-Awtorità tal-Ippjanar Martin Saliba ukoll kien jinsab ftit imħasseb imma li -l-Gvern ha jżid il-parkeġġ, ħa jiġi trattat kollox *on a one to one basis* u li ħa jieħdu ħsieb ukoll l-iskeda tal-avvenimenti. Il-Perit qal li m'hemm xejn u kollox hu fl-arja u li waqt is-seduta ha jkun hemm nies tekniċi, li intalab rapport tal-Ingineer għal fridges u *air conditioners* imma ġo għalqa naqa' ridikulu li jintalab dan u mhux

rapport fuq id-*decibals* ġenerati mill-attività in se. Hemm il-kwistjoni tad-dwal li barra l-grawnd tal-football issa ha jiżdied id-dawl minn dawn l-attivitajiet. Barra t-traffiku li kollu jinżel mill-qalba tar-raħal. Kompla billi qal li għada ha jkollu l-għażla li jgħid li jaqbel mar-riġenerazzjoni ta' din l-*open site* jew jivvolta kontra. Jekk jivvota kontra il-Kunsill ħa jidher li mhux favur rijabilitazzjoni, rranġġar u tisbieħ tal-*area* imma ovvja jidher ikrah li il-Kunsill mhux jaqbeż għar-residenti. Is-Sindku fakkar fil-Lost and Found li għalkemm kien jiġġenera turiżmu kien jinstema' saħansitra mill-kamra tas-sodda tiegħu. Hu qal li wara l-ewwel sena kien sar rapport minn *sound engineers* li vera s-sound ma kienx jipparaguna ma' dak tas-sena ta' qabel għax kważi ma nstemax ħlief li nqala' ħafna paroli għax sar fil-Ġimgħa l-Kbira.

Is-Sur Cordina qal li jew isir rapport minn qabel jew kompla l-Perit Schembri jingħataw ċertu kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permess bħal ma jsir fil-permessi tal-PA meta jinħarġu permessi għall-ħwienet tal-*catering* bħall-*engineer's report, fire and safety, ventilation*, *odour control, filters* u dawn it-tip ta' kundizzjonijiet jaqbel magħhom u dan hu l-parir li qed jagħti li jkun hemm kundizzjonijiet impost minn qabel.

L-Avukat Caruana qalet li ma taqbilx li ma naqblux u li jkun hemm set ta' regolamenti li jkunu *binding.* Hi qalet li t-traffiku għandu jiġi dirett lejn is-Central Link mill-ewwel. Bhalha dwal qalet li llum isiru iktar *directional* u jikkawżaw inqas *pollution.* Is-Sur Cordina qal li meta jkun viċin in-nies vera jista' jdejjaq u għalhekk id-dwal iridu jkunu b'ċertu speċifikazzjonijiet. Isiru imma li ma jdejjqux lin-nies. L-Avukat Caruana qalet li għandna naqblu imma bil-premessa li meta jsiru dawn l-affarijiet il-Kunsill għandu jkun involut.

Is-Sur Mangion qal li avolja l-guidelines se jkunu binding imma kif ħa jkun jaf il-Kunsill li dawn qed jimxu mar-regolamenti. Il-Kunsill qal li għandu jkun hemm *enforcement.* Is-Sur Cordina qal li l-Pulizija kellhom idejhom marbutin imma llum it-teknoloġija saret aħjar. Rigward id-dwal saqsa jekk dawn jistgħux isiru tip ta' *green energy.*

Il-Perit Schembri qal li għandu jkun hemm dokument fuq id-dawl u l-ħsejjes li jkun linja gwida għall-*mass events* u dawn id-dokument iridu jiddaħħlu. Is-Sur John Bonnici qal li l-proġett għandu jsir b'riserva. L-Avukat Brincat qal li l-*guidelines* iridu isiru qabel għax inkella kif jgħidu l-għasfur ikun tar.

Kulħadd qabel li l-Perit ħa jmexxi kif qal.

## 24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

24.4.1 Helen Caruana

- Qalet li tant intlaqat tajjeb it-tqassim tal-maskli b'xejn lir-residenti li qed tissuġġerixxi u titlob jekk tistax issir distribuzzjoni oħra madwar ir-raħal ġaladarba ħa ndumu bil-maskli u anke wkoll għall-fatt li l-fondi għal Jum Ħ'Attard ma ntefqux. Is-Sur Cordina qal li dawn huma skemi tar-Reġjun u l-Kunsill ma ħariġx flus imma li jista' jsir jara xi skemi hemm u jaġġornahom u jekk jara li hemm flus biżżejjed f'xi skema oħra jinfurmahom.
- Semmiet il-camera fi Triq il-Pitkali li mid-dehra żidulaha r-*radius.* Is-Sur Cordina qal li l-camera ġiet *upgraded* bħal ma sar b'oħrajn fil-lokalità u allura ġiet tiġbed iktar. L-

Avukat Caruana talbet ukoll ir-*Residents Parking Scheme* imma s-Sindku qal li din tinsab on hold.

- Saqsiet fuq il-*premises* il-ġodda. Is-Sur Cordina qal li ħarġet it-tender u meta tagħlaq se jiġi ffurmat il-Bord.
- Qalet li nnutat li n-nies xorta mhux qed iżommu mal-iskeda tal-iskart u xtaqet tagħmel *mail shot.* Is-Sur Cordina qal li ħela ta' ħin pero' jekk hi tixtieq l-uffiċċju jlestilha l-karti u hi timpustahomlhom. Is-Sur Bonnici qal li sempliċi l-kuntrattur m'għandhux jiġbrux u n-nies għandhom jiġu edukati kompliet l-Avukata Caruana.

24.4.2 John Bonnici

- Irrimarka l-istess ħaġa fuq Triq is-Salvatur u li jinħareġ l-iskart bħal ħġieġ il-Ġimgħa flok il-Ħamis. Hu qal li s-soluzzjoni hi li l-boroż ikollhom iċ-ċippa.

24.4.3 Remigio Bartolo

- Issuġġerixxa li jsir *write-up* fil-fuljett sabiex in-nies ikunu nfurmati li tbidlet il-ġurnata ta' Jum Ħ'Attard u għala ma jistax isir din is-sena wkoll. Dan għandu jiġi mgħoddi s-Segretarju Eżekuttiv.

24.4.4 Giorgio Mario Schembri

- Qal li bi pjaċir innota li s-siġar fi Triq l-Imdina inżabru imma li kuntrattur minnhom ilu ġimgħa u nofs ma jersaq l'hemm u hu tal-opinjoni li l-Kunsill għandu jinforma l-Infrastructure Malta.

24.4.5 Victor Galea

- Saqsa fuq l-advertising fis-*Centre Strips u* zoni oħra, jekk dawn jistgħux isiru u kif inhi l-proċedura. Is-Sur Cordina qal li s'issa kollox wieqaf hemm.

## 24.5 Rapporti

24.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 24.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

24.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt ta' ġbir ta' skart riċiklabbli għalaq wara tliet snin u issa il-kuntratt jesiġi li l-operaturi jiġu nfurmati biex jagħtu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' imejl. Greenpak u Green MT ġew infurtmati u saħansitra saritilhom telefonata biex ikunu ċerti li wasslitilhom. Daħlet proposta waħda biss mingħand Greenpak li hu l-operatur preżenti u l-Kunsill jinsab sodisfatt bih. Il-ħlas isir minn Greenpak lill-kuntrattur u barra l-*kerbside collection u bring-in sites* li kien hemm xi problemi imma l-quddiem jaraw, bosta inizjattivi fosthom *crush and win* bi premijijiet sbieħ u l-kontribuzzjoni minuri fl-ipprintjar tal-kalendarju. Dan il-kuntratt sa jkun validu għal tliet snin sakemm ma jkunx hemm xi tibdil fuq bażi Reġjonali. L-Avukat Caruana saqsiet għala mhux sa 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-diskussjonijiet dejjem kienu fuq l-iskart domestiku, la riċiklaġġ u lanqas organiku li jiġi rimbursat minn Wasteserv. Jekk ikun xi bdil dawn se jiġu notifikati. L-Avukat Brincat enfasiżża fuq il-klawżola.

24.6.2 **Riżoluzzjoni 3 Devoluzzjoni Gnien Misraħ Kola** – din inqrat lill-Kunsilliera (annessa). Is-Sur Victor Galea jekk hux il-ġnien kollu jew hux ħa jitħalla aċċess. Is-Sur Cordina qal li kamra waħda u ħa jitħalla aċċess. Is-Sur Cordina propona, is-Sur Mangion issekonda.
Kulħadd qabel.

24.6.3 **Riżoluzzjoni 4 Skema ta' Finanzjament SPI/SCI/3/2021 sabiex isir Lejl għat-Tard 2022**– din inqrat lill-Kunsilliera (annessa). Is-Sur Cordina qal li l-ammont li se jintalab hu ta' €33,300 li minnhom iridu jinħarġu 15% cioe' € 4995 mill-Kunsill. L-Avukat Caruana qalet li taqbel. Is-Sur Cordina propona, s-Sur Remigio Bartolo ssekonda.
Kulħadd qabel.

24.6.4 **Riżoluzzjoni 5 Skema ta' Finanzjament SPI/SCI/2/2021 sabiex jingħataw fondi biex il-ġonna jkunu konformi mal-ispezzjonijiet ta' sigurtà –** din inqrat lill-Kunsilliera (annessa). Is-Sur Cordina qal li Gnien il-Kunsill m'għandux ħajt. Is-Sur Galea saqsa jekk hux *upgrade* ukoll u s-Sur Cordina speċifika li ħajt u kanċell biss. Is-Sur Cordina propona, L-Avukat Caruana ssekondat.
Kulħadd qabel.

## 24.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

24.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet waħda *updated*. L-Avukat Caruana saqsiet fuq item 77 Claire Bugelli. Is-Sindku qal li Claire Bugelli hi l-istess persuna li kienet semmiet fil-laqgħa l-Avukat Caruana. Is-Sindku qal li din it-triq ma taqax taħt il-Kunsill imma li ġara kien li wara dan iż-żmien kollu il-Kunsill kien għadu jirribatti dan mad-Dipartiment permezz ta' pjanta li qegħda fil-liġi li turi li ma taqax taħt il-Kunsill. Wara li Infrastructure Malta qalet li din taqa' taħt il-Kunsill, l-istess Dipartiment ikkonferma dan u għalhekk is-Sinjura Bugelli ġiet infurmata li l-ħlas sa jsir mill-Kunsill. Pero' meta ħarġet l-iskeda ta' toroq għall-ġbir ta' skart mir-Reġjun din it-triq ma kinitx inkluża u s-Segretarju Eżekuttiv reġa kiteb lid-Dipartiment. Id-Dipartiment ippropona laqgħa u d-Direttur Ġenerali qatagħa li la din mhix inkluża fl-ebda konfini la Ħ'Attard u lanqas Ħaż-Zebbuġ jirrifonduha huma wara li l-Kunsill jippreżenta d-dokumentazzjoni meħtieġa. Is-Segretarju Eżekuttiv iċċarat ukoll li ġaladarba din il-*claim* ġiet aċċettata ma jfissirx li l-Kunsill ħa jkun *liable* għal *claims* futuri sakemm id-Dipartiment ma jindikax mod ieħor.

Is-Sur Galea saqsa fejn jivvutaw dawn in-nies. Id-Dipartiment ha jirregolarizża ruħhu.

L-Avukat Caruana staqsiet 81, 82 u 83 fuq individwi li jagħmlu xogħolijiet bħal ma ġara fil-każ tal-iskart li ntefa' mal-iskip ħdejn il-flats tal-Gvern. Kull persuna tipproduċi kwotazzjoni qabel kif tirrikjedi l-liġi.

L-Avukat Caruana staqsiet jekk Anne Gauci €2760 hux biċċa xogħol waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li iktar minn waħda bħat-tisqija ta' pjanti fuq l-embankment, il-ħasil bil-bowżer, Triq Sant'Anton, tindif ta' *culverts,* tindif tal-akwadott fi Triq P.P. Rubens. Il-mili tal-Għajn tal-Bhejjem. Is-Sindku wera sensiela ta' ritratti li jrid jipprintja ta' xogħolijiet marbuta ma' dawn il-pagamenti.

Il-pagament ġew approvati.

## 24.8

24.8.1 **Mozzjonijiet; u**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 24.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.57pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' April 2021 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 28 ta' April 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv